



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-301/20

Hengshi Egypt Fiberglass Fabrics SAE
u
Jushi Egypt for Fiberglass Industry SAE
vs
Il-Kummissjoni Ewropea

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla Estiża) tal-1 ta' Marzu 2023

“Dumping – Importazzjonijiet ta’ ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu – Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/492 – Dazju antidumping definittiv – Kalkolu tal-valur normali – Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036 – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Dannu – Kalkolu tal-marġni ta’ twaqqiġ tal-prezz”

- Dritt tal-Unjoni Ewropea – Interpretazzjoni – Metodi – Interpretazzjoni fid-dawl tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni – Interpretazzjoni tar-Regolament 2016/1036 fid-dawl tal-Ftehim Antidumping tal-GATT tal-1994 – Teħid inkunsiderazzjoni tal-interpretazzjoni adottata mill-korp ta’ Riżoluzzjoni ta’ Tilwim (Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994; Ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ, (Ftehim antidumping tal-1994); Artikolu 2.2.1.1; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2016/1036, Artikolu 2(5))*

(ara l-punti 23 sa 25)
- Politika kummerċjali komuni – Protezzjoni kontra l-prattiki ta’ dumping – Marġni ta’ dumping – Determinazzjoni tal-valur normali – Użu tal-valur maħdum – Teħid inkunsiderazzjoni tal-ispiża tal-produzzjoni – Kalkolu tal-ispejjeż abbażi tal-kotba tal-kontijiet – Deroga – Spejjeż marbuta mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott suġġett għall-investigazzjoni li ma ġewx imniżżla b’mod raġjonevoli fdawn il-kotba – Oneru tal-prova tal-istituzzjonijiet – Stħarriġ ġudizzjarju – Portata (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2016/1036, Artikolu 2(5))*

(ara l-punti 26 sa 29)
- Politika kummerċjali komuni – Protezzjoni kontra l-prattiki ta’ dumping – Marġni ta’ dumping – Determinazzjoni tal-valur normali – Użu tal-valur maħdum – Teħid inkunsiderazzjoni tal-ispiża tal-produzzjoni – Kalkolu tal-ispejjeż abbażi tal-kotba tal-kontijiet – Spejjeż iffissati fil-kuntest ta’ relazzjoni fi ħdan grupp – Aġġustamenti biex*

*jiġu riflessi l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni sħiħa – Ammissibbiltà – Kriterji – Teħid inkunsiderazzjoni tal-ispejjeż ta' produtturi jew ta' esportaturi oħra tal-istess pajjiż kif ukoll, sussidjarjament, ta' kull bażi raġjonevoli oħra
(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2016/1036, l-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(5))*

(ara l-punti 31 sa 42, 77 sa 88)

4. *Politika kummerċjali komuni – Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping – Marġni ta' dumping – Determinazzjoni tal-valur normali – Bażi fuq il-prezzijiet imħallsa jew li għandhom jitħallsu matul tranżazzjonijiet kummerċjali normali – Teħid inkunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha u taċ-ċirkustanzi partikolari kollha relattivi għall-bejgħ inkwistjoni – Setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet – Stħarriġ ġudizzjarju – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Oneru tal-prova
(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2016/1036, Artikolu 2)*

(ara l-punti 46 sa 51)

5. *Politika kummerċjali komuni – Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping – Proċedura antidumping – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal smiġħ – Portata
(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2016/1036)*

(ara l-punti 55 sa 58)

6. *Politika kummerċjali komuni – Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping – Marġni ta' dumping – Determinazzjoni tal-valur normali – Użu tal-valur maħdum – Setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet – Limiti – Obbligu ta' eżami diliġenti u imparzjali taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha – Portata – Teħid inkunsiderazzjoni ta' provi ppreżentati fil-kuntest ta' investigazzjoni antisussidji parallela – Kundizzjonijiet
(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2016/1036, Artikolu 2)*

(ara l-punti 60 sa 68)

7. *Atti tal-istituzzjonijiet – Motivazzjoni – Obbligu – Portata – Regolament li jimponi dazji antidumping
(Artikolu 296 TFUE)*

(ara l-punti 72 sa 75)

Sunt

Wara lment, il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2020/492 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu materjal tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta (iktar 'il quddiem l-“MFH”) li joriġinaw miċ-Ċina u mill-Eġittu¹.

Hengshi Egypt Fiberglass Fabrics SAE (iktar 'il quddiem “Hengshi”) u Jushi Egypt for Fiberglass Industry SAE (iktar 'il quddiem “Jushi”), żewġ kumpanniji miżmuma minn entitajiet Ċiniżi u stabbiliti fiż-żona ta' kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali Sino-Eġizzjana ta' Suez, jipproduċu u jesportaw MFH lejn l-Unjoni Ewropea. Jushi tipproduċi u tesporta, barra minn hekk, faxex tal-fibra tal-ħġieġ (iktar 'il quddiem l-“FFH”) lejn l-Unjoni, li jikkostitwixxu l-materja prima ewlenija użata għall-produzzjoni tat-MFH.

Peress li qiesu ruħhom leżi mid-dazji antidumping stabbiliti mill-Kummissjoni, Hengshi u Jushi ppreżentaw quddiem il-Qorti Ġenerali rikors għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2020/492. Meta ċaħdet dan ir-rikors, il-Qorti Ġenerali tagħmel, minn naħa, preċiżazzjonijiet dwar it-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali tal-prodotti kkonċernati minn dazju antidumping, tad-dokumenti ta' kontabbiltà tal-parti li hija s-suġġett tal-investigazzjoni antidumping. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali tippreċiża l-portata tad-dmir ta' diliġenza tal-Kummissjoni, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-użu, fil-kuntest ta' investigazzjoni antidumping, ta' provi miksuba fil-kuntest ta' investigazzjoni antisussidji parallela.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw, fil-kuntest tal-ewwel motiv, żewġ ilmenti bbażati fuq il-ksur tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament 2016/1036². Din id-dispożizzjoni ttiprovdi li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali tal-prodotti koperti mid-dazju antidumping, l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-imsemmija prodotti għandhom jiġu kkalkolati abbażi tad-dokumenti tal-kontabbiltà tal-parti taħt investigazzjoni, bil-kundizzjoni li dawn id-dokumenti jinżammu skont il-prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati tal-pajjiż ikkonċernat (l-ewwel kundizzjoni) u jieħdu inkunsiderazzjoni b'mod raġonevoli l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodotti msemmija (it-tieni kundizzjoni). F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jressqu diversi argumenti li jikkontestaw, essenzjalment, il-metodu segwit mill-Kummissjoni sabiex tibni l-valur normali tal-MFH mibjugħa minn Hengshi.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali tiċħad l-ilment ibbażat fuq żball ta' liġi u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni, sa fejn din ma inkludietx l-ispiża tal-FFH li tinsab fid-dokumenti tal-kontijiet ta' Hengshi sabiex tikkalkola l-ispiża ta' produzzjoni tal-MFH, minħabba li l-prezz tax-xiri ta' din il-materja prima ma kienx ġie ffissat f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni sħiħa.

¹ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492 tal-1 ta' April 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu (ĠU 2020, L 108, p. 1).

² Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21 iktar 'il quddiem ir-“Regolament bażiku”).

Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali tirrileva, qabel kolloxx, li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku ma jeskludix li l-Kummissjoni tista' tinjora l-ispejjeż imniżżla fid-dokumenti tal-kontabbiltà tal-parti suġġetta għall-investigazzjoni meta l-prezz tal-materja prima użata għall-produzzjoni tal-prodott ikkunsidrat ma jkunx iffissat f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni sħiħa. Madankollu, meta l-Kummissjoni tqis li għandha teskludi l-imsemmija spejjeż sabiex tissostitwixxihom bi prezz ieħor meqjus raġonevoli, hija obbligata tibbaża ruħha fuq provi, jew tal-inqas fuq indizzji, li jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza tal-fattur li abbażi tiegħu sar l-aġġustament.

F'dan il-każ, il-Kummissjoni kkonstatat li l-prezzijiet li bihom Hengshi kienet tixtri l-FFH mingħand Jushi kienu sistematikament u sostanzjalment inqas mill-prezzijiet li bihom Jushi kienet tbigħ l-istess prodott lix-xerrejja indipendenti li joperaw fis-suq Eġizzjan. Fid-dawl tad-differenza sinjifikattiv bejn dawn il-prezzijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet korrettament li l-prezzijiet imħallsa minn Hengshi lil Jushi ma setgħux jitqiesu bħala ffissati f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni sħiħa, b'mod li kellu jsir aġġustament tagħhom.

Barra minn hekk, il-fatt li Jushi kisbet marġni ta' profitt mill-bejgħ tagħha ta' FFH lil Hengshi ma jippermettix awtomatikament li jiġi konkluż li saret tranżazzjoni f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni sħiħa.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali tiċħad l-argument tar-rikorrenti li tgħid li t-tieni kundizzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku ma tikkonċernax in-natura raġonevoli tal-ispejjeż, iżda pjuttost l-"affidabbiltà" tad-dokumenti tal-kontabbiltà tal-parti li hija s-suġġett tal-investigazzjoni. Fil-fatt, tali interpretazzjoni twassal biex jiġi prekluż b'mod definittiv l-użu tal-valur normali maħdum, b'mod partikolari, meta l-ispejjeż ta' produzzjoni jkunu affettwati minn sitwazzjoni partikolari tas-suq.

Fl-aħħar nett, il-konstatazzjoni li tgħid li l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku ma jinkludix dispożizzjoni espressa dwar in-natura raġonevoli tal-ispejjeż imġarrba bejn il-partijiet relatati ma hijiex biżżejjed biex turi li kienet l-intenzjoni tal-leġislator tal-Unjoni li jeskludi din iċ-ċirkustanza fl-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tiċħad l-ilment ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni mwettaq mill-Kummissjoni meta pparagunat il-prezzijiet tal-bejgħ ta' FFH iffatturati minn Jushi rispettivament lil Hengshi u lil klijenti nazzjonali indipendenti. Fuq dan il-punt, ir-rikorrenti kkritikaw lill-Kummissjoni talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha relatati mal-bejgħ inkwistjoni bħal, b'mod partikolari, id-dazji doganali mħallsa minn Jushi fir-rigward tal-bejgħ ta' FFH lil klijenti nazzjonali indipendenti. Fl-assenza ta' prova ta' dan il-ħlas fil-kuntest tal-investigazzjoni antidumping, il-Kummissjoni kellha, skont ir-rikorrenti, tuża fuq inizjattiva tagħha stess il-prova ta' ħlas tad-dazji doganali li hija kellha fil-kuntest tal-investigazzjoni parallela antisussidji tagħha fuq il-FFH³ jew, tal-inqas, titlobhom jippreżentaw din il-prova fil-kuntest tal-investigazzjoni antidumping.

³ Din l-investigazzjoni wasslet għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/870 tal-24 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ li joriġinaw mill-Eġittu, u li jiġbor id-dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati ta' prodotti ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ li joriġinaw mill-Eġittu (ĠU 2020, L 201, p. 10).

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tirrileva li, għalkemm huwa minnu li l-Kummissjoni għandha tmexxi l-investigazzjoni antidumping b'mod diliġenti u għandha tiegħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha fid-determinazzjoni tal-valur normali, xorta jibqa' l-fatt li hija tiddependi fuq il-kooperazzjoni volontarja tal-partijiet li huma s-suġġett tal-investigazzjoni sabiex jipprovdulha l-informazzjoni neċessarja. F'dan il-każ, konsegwentement, kienu r-rikorrenti li kellhom jippreżentaw il-provi li huma kienu jqisu rilevanti għall-finijiet tal-investigazzjoni. Issa, peress li dawn ma ppreżentawx, fil-kuntest tal-investigazzjoni antidumping, l-iċken prova fir-rigward tad-dazji doganali mħallsa minn Jushi fir-rigward tal-bejgħ ta' FFH, huma ma jistgħux jieħdu vantaġġ min-negliġenza tagħhom stess billi jikkritikaw lill-Kummissjoni li ma ħaditx inkunsiderazzjoni dan l-element.

Barra minn hekk, mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(6) tar-Regolament 2016/1037⁴ jirriżulta li l-Kummissjoni ma tistax, fuq inizjattiva tagħha stess, tibbaża ruħha, fil-kuntest ta' investigazzjoni antidumping, fuq prova ppreżentata fil-kuntest ta' investigazzjoni antisussidji parallela. Għaldaqstant, kienu r-rikorrenti li kellhom jirrinunzjaw għall-garanzija prevista minn dan l-artikolu u jitolbu li tali prova tiġi ammessa wkoll fil-kuntest tal-investigazzjoni antidumping.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li l-Kummissjoni ma kisritx l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku u tiċħad iż-żewġ motivi mqajma mir-rikorrenti. Il-Qorti Ġenerali tiċħad ukoll l-ilmenti l-oħra tal-ewwel motiv u t-tieni motiv invokat mir-rikorrenti f'dan ir-rikors u, konsegwentement, ir-rikors fl-intier tiegħu.

⁴ Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 2016, 30.6.2016, p. 55).